# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 5 ta' Frar, 2021**

**Il-PULIZIJA**

**[Supretendent Johann J Fenech]**

**vs**

**Christian Demanuele**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Christian Demanuele detentur tal-karta tal-identita bin-numru 661676M akkuzat talli fl-2016 f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru -istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera

haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' Mary Louise Vella minn Hal-Ghaxaq u Romina Buttigieg minn Santa Venera liema ammont ta' hsara jeccedi l-€500 izda ma jeccediex l-€5,000

2. Bi hsara tal-istess Mary Louise Vella u Romina Buttigieg ghamel xi qliegh iehor b' qerq

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Novembru, 2016 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-Prosekuzzjoni ma prezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha entro t-terminu moghti lilha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali prezentata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Il-fattispeci ta' dan il-kaz jitrattaw akkuzi ta' frodi b' ghemil qarrieqi u qliegh b' qerq iehor. Fis-7 ta' Awwissu 2016 Censina Vella rrapurtat[1] li madwar 4 xhur qabel bintha Mary Louise Vella selfet €2,700 lil certu Christian Mattioli, li kienet saret tafu mis-sit Badoo, wara li qalilha li kien ghaddej minn problemi finanzjarji. Sa dakinhar li sar ir-rapport kienu gew ritornati lura biss zewg pagamenti ta €500 minn €2,700. Minn investigazzjoni li saret mill-Pulizija rrizulta li Christian Mattioli fil-fatt kien l-imputat Christian Demanuele. Fil-15 ta' Awwissu 2016 sar rapport iehor simili[2] fil-konfront ta' Christian Mattioli minn Romina Buttigieg li rapurtat li Christian Mattioli kien ippoza bhala xjenzat kosmetiku Taljan. Allega li l-partner fin-negozju mieghu iffrizalu l-assi u kellu bzonn il-flus biex jaqta d-dejn. Wara li Romina Buttigieg ghaddietlu s-somma ta' €1,500 l-imputat qata' l-kuntatt maghha.

Fix-xhieda taghha fl-udjenzi tat-18 ta' Jannar 2019 u tal-24 ta' Jannar 2020 (a fol 54 sa 58 u 85 sa 90 tal-atti processwali) Romina Buttigieg ziedet li l-imputat kien qalilha li jahdem bhala xjenzat Skyparks u kien offrielha li jghinha fir-ricerka taghha fis-settur kosmetiku sabiex jikrejaw prodott gdid fis-suq. Ghal din ir-raguni hija ghaddietlu €2,000 sabiex tghinu fis-sitwazzjoni finanzjarja li kien fiha u hu jghinha fir-ricerka taghha. Sussegwentement hija ghamlet kuntatt ma' Skyparks li nfurmawha li ma kellhomx impjegati bl-isem ta' Christian Mattioli. L-imputat irritona €1,500 qabel ma sar ir-rapport mal-Pulizija u r-rimanenti €500 gew ritornati wara r-rapport. B'hekk l-ammont dovut lilha gie saldat.

[1] Rapport esebiti bhala Dok JM1 a fol 33 sa 35 tal-atti processwali
[2] Rapport esebit bhala Dok. EC1 a fol 38 sa 40 tal-atti processwali

Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2020 is-Supretendent Johann Fenech (a fol 79 sa 83 tal-atti processwali) ikkonferma li l-ammonti moghtija lill-imputat minn Mary Louise Vella u Romina Buttigieg gew saldati u m'ghadx fadal pendenzi.

Fl-istqarrija datata 13 ta' Settembru 2016 (Dok. JF1 a fol 28 sa 30 tal-atti processwali) l-imputat stqarr li huwa ssellef €2,700 minghand Mary Louise Vella u hallas lura €2,000 u kellu jhallas ir-rimanenti €500 gimgha wara l-istqarrija. Mary Louise Vella sellfitu din is-somma ghaliex huwa qalilha li kellu problemi finanzjarji, kontijiet legali u kellu l-kontijiet frizati. Huwa jghid li ntroduca ruhu bhala Christian Mattioli ghaliex altrimenti minn tfittxija fuq Google Vella setghet tinduna li kellu kawzi kontrih fl-isem ta' Christian Demanuele u anke djun mal-Bank of Valletta plc. In kwantu ghal Romina Buttigieg stqarr li hija selfitu €1,500 u sabiex kiseb dan is-self qalilha li kien cosmetic scientist u l-partner fin-negozju tieghu frizalu l-kontijiet. Huwa kien wieghed lil Romina Buttigieg li kien ser jghinha fil-kirjiet tal-hanut li kellha u lil Mary Louise Vella li kien ser jaghtiha flus. Fix-xhieda tieghu fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2020 (a fol 95 sa 99 tal-atti processwali) l-imputat spjega li kien irritorna lura l-ammonti kollha dovuti minnu.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kaz odjern l-imputat qieghed jigi addebitat bir-reat ta' frodi ghad-dannu ta' Mary Louise Vella u Romina Buttigieg. Dwar l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che

> importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggi da se: consegna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.
>
> La fattispecie oggettiva della truffa consta dei seguenti elementi:
>
> a) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;
>
> b) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;
>
> c) un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona[3].

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

> Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.

Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet[4]. X'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkommenta wkoll l-istess Antolisei[5]:-

---

[3] Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997
[4] Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997
[5] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 356

> Artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera

Illi dan l-awtur pero jkompli jghid li:-

> Nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa[6]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati sabiex jigi pperpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati. Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.

[6] Op cit pagna 357

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Simon Spiteri datata 7 ta' Mejju 2013 ingħad illi "hemm bzonn sabiex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat."

Fil-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmela German deciz fit-30 ta' Dicembru 2004 il-Qorti tal-Appell Kriminali daħlet fil-kwistjoni dwar jekk gidba semplici ghad-differenza ta' artifizzji u raggiri tammontax għall-frodi nnominata. Il-Qorti kienet ikkunsidrat li l-gidba tista' twassal ghar-reat ta' frodi innominata "basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s' intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

Abbazi tas-suespost sabiex jissussisti r-reat abbazi tal-Artikolu 308 tal-Kap. 9 jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhix necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.

Illi in kwantu ghal dak allegat minn Censina Vella ghan- nom ta' bintha Mary Louise Vella, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova. Il-Prosekuzzjoni la resqet bhala xhieda lil Censina Vella u lanqas lil bintha Mary Louise Vella sabiex jixhdu dwar ir-rapport u l-fatti. Minkejja li l-imputat u s-Supretendent Johann Fenech jaghmlu accenn ghall-ammonti mghoddija minn Mary Louise Vella lill-imputat, fin-nuqqas tal-ahjar prova l-imputat ma jistghax jinstab hati tar-reati addebitati lilu in kwantu dawn jirrigwardaw lil Mary Louise Vella.

Fir-rigward ta' Romina Buttigieg, filwaqt li ngabet l-ahjar prova u jirrizulta ness bejn l-imputat u l-parte civile, ma jirrizultax li kien hemm l-uzu ta' apparat estern li jsahhah il-kredibbilita tas-sitwazzjoni tal-imputat bhal per ezempju li juri lil Romina Buttigieg certifikati li kien xjenzat jew dokumentazzjoni ohra li juru l-kwistjonijiet li kien hemm bejnu u l-partner fin-negozju. Ghalhekk il-gideb tal-imputat pjuttost jinkwadra aktar fir-reat ta' frodi nnominata liema gideb wassal lil Romina Buttigieg taghmel telf patrimonjali li spicca rifuz biss wara li sar ir-rapport mal-Pulizija. Il-fatt li l-imputat irritorna l-ammonti moghtija lilu qabel ma nbdew dawn il-proceduri ma jnaqqas xejn mir-reita tal-att maghmula minnu izda dan il-fatt ser jittiehed in kunsiderazzjoni ai fini ta' piena.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa rrifonda lura lill-vittma l-ammont in dizamina u fic-cirkostanzi jidrilha li piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 309 u 310 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah tnax (12) -il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u tiddikjarah mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur